**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 6 ta' Diċembru, 2017.**

**Talba Nru: 131/2017PA**

**Brandon Brincat eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem 'Brandon Fisheries'**

**vs**

**Geomike Limited u George sive Gino Cauchi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-16 ta' Marzu 2017 li permezz tiegħu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsuħ is-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u tletin Ewro, tnejn u disgħin ċenteżmu (€1,932.92ċ) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' prodotti tal-ħut mibjugħa u kkonsenjati lilhom eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem 'Cote D'Azur' fuq ordnijiet tagħhom stess u li baqa' ma tħallasx, minkejja li diġa' ġew interpellati jħallsu permezz ta' ittra uffiċjali tal-15 ta' April 2016 numru 575/2016, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali msemmija u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment.

Ra d-dokument preżentat mill-attur mal-Avviż tat-Talba, senjatament prospett tal-ħlasijiet dovuti, u reklamati b'din l-azzjoni (Dok.'X', fol. 4).

Ra li l-konvenuta Geomike Limited, debitament notifikata bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, ma ppreżentatx risposta, u lanqas deħret biex tikkontesta l-kawża.

Ra r-Risposta tal-konvenut George sive Gino Cauchi li permezz tagħha eċċepixxa li fil-mori taż-żmien indikat kienu saru diversi ħlasijiet, u talab l-irċevuti oriġinali billi hu jsostni li l-aktar li fadallu jħallas huwa elf Ewro.

Ra li b'nota tas-7 ta' Novembru 2017, l-attur ċeda l-kawża fil-konfront tas-soċjeta' kummerċjali Geomike Limited.

Sema' x-xieħda ta' Brandon Brincat, li qal li huwa jimporta l-ħut minn barra minn Malta, u jixtri wkoll mingħand sajjieda Maltin. Qal li lill-konvenut George sive Gino Cauchi biegħlu u kkonsenjalu ħut frisk u affarijiet tal-friża, u ppreżenta kopja tal-fatturi relattivi għal dawn il-konsenji. Qal ukoll li fil-bidu, dan il-konvenut kien iħallas mal-bejgħ, pero' mbagħad beda jdum biex iħallas u huwa fdaħ. Il-konvenut imexxi n-negożju taħt l-isem 'Cote D'Azure'. L-attur ikkonferma wkoll li fadallu jieħu mingħand il-konvenut Cauchi l-ammont reklamat b'din l-azzjoni.

Ra li l-konvenut naqas li jressaq provi in sostenn tad-difiża tiegħu.

Jidhirlu li din it-talba tal-attur tirriżulta suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta' probabiltajiet.

Ivverifika li l-attur ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 519/2017, filwaqt li ppreżenta ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 576/2016, kontra l-konvenuti rigward din it-talba

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u tletin Ewro, tnejn u disgħin ċenteżmu (€1,932.92ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**